**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 45 – IT-TNEJN, 4 TA' MEJJU 2015 FIS-5.45 PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 44**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Bejn il-paragrafu 5.2 u l-paragrafu 5.3 għandha tidħol "Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-6.32pm."

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 39**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Korrispondenza**

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward skema għal-libreriji lokali. Ġie deċiż li jiġu mixtrija 500 Ewro kotba.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward Shared Spaces Incentive. Ġie deċiż li fiċ-Ċentru ta' San Ġwann mhemmx żoni li jistgħu jiġu applikati dawn il-miżuri.

3.3 Ġiet innutata talba minn residenti tal-inħawi ta' Triq is-Santwarju biex rappreżentati tal-Kunsill ikunu preżenti waqt seduta tal-MEPA għall-applikazzjoni PA 03736/14 fit-12 ta' Mejju 015. Ġie deċiż li jattendu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.4 Ġiet innutata refusal għall-applikazzjoni għal Memo 27/2014 rigward fondi għall-attivitajiet kulturali.

3.5 Kien hemm diskussjoni rigward ittra mill-Għaqda Pirotenika ta' San Ġwann. Dawn qed jitolbu biex il-Kunsill jiffinanzja l-ispiża kollha tal-fire engine għal waqt il-festa. Dan wara li l-Kunsill kien infurmahom permezz ta' ittra oħra li l-Kunsill kien ser joħroġ massimu ta' 300 Ewro għal fire engine għas-sena 2015. Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-Kunsill jibqa' mal-ewwel deċiżjoni u jiffinanzja massimu ta' 300 Ewro.

3.6 Ġiet innutata korrispondenza mit-TCTC fejn huma kkonfermaw li l-korsijiet tal-IKIDS ser isiru flimkien mal-Kunsill tas-Swieqi. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal dan.

3.7 Ġiet innutata email minn persuna f'isem sid ta' ħanut fi Triq in-Naxxar. Dan qed jilmenta li meta tagħmel xita qawwija, l-ilma jaqbeż il-bankina. Il-Kunsill innota li xi żmien ilu, kien hemm talba biex l-operatur tal-ħanut talab permess lill-Kunsill biex jagħmel ilqugħ. Il-Kunsill kien tah permess. Dan għandu jiġi kkommunikat lil din il-persuna.

3.8 Ġie innutat li l-Youth Tournament ser jibda nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2015. Għandhom jibagħtu l-programm fi żmien qasir.

3.9 Ġiet innutata talba biex jsiru traffic calming measures fi Triq il-Baħar l-Iswed. Ġie deċiż li jitwaħħlu tabelli "Residential Zone – 30 Km Max"

3.10 Kien hemm diskussjoni fuq talba minn resident biex isir Ċentru tas-Saħħa f'San Ġwann. Minkejja li dan mhux kompitu tal-Kunsill, il-Kunsill kien irrifera din it-talba lid-Dipartiment tas-Saħħa.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

.

4.1 Is-Sindku ppreżenta pjanti ġodda tal-proġett ta' Ġnien Karin Grech. Kien hemm diskussjoni fuq it-tibdil tal-pożizzjoni tal-pitch tal-boċċi u fuq il-faċilitajiet li ser ikollu l-Kunsill. Gie innutat l-bzonn li jsier accessibilta ghal Latrina pubblika kif ukoll kitchenette fis-sala tal-komunita. Is-sindku ghandu jiltaqa mal-perit u jitlob li jsiru dawn l-emendi filwaqt li kellu jitlob laqgha mal-ministru biex nifthemu fuq termini u kundizzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

## 5 Affarjiet Oħra

5.1 Is-Sur Neville Mallia lmenta li hemm ħafna ħaxix ħażin fil-Cart Ruts. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret talba lill-Ministeru tal-Ambjent għall-assistenza tagħhom bħas-snin ta' qabel.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ilmentat li mhux kuntenta bix-xogħol li qed isir mill-ELC. Dan minhabba nuqqas ta' nies u supervijoni, Għandha tiġi nkluża fit-tender tal-ġonna rekwiżiti li jsir programm tax-xogħlijiet.

5.2.1 Kien hemm diskussjoni fuq stima għall-bandiera ta' San Ġwann 9 piedi b'14-il pied, bi prezz ta' 250 Ewro. Ġie deċiż li jiġu ordnati 2 fejn waħda minnhom ser tiġi mħallsa mill-kuntrattur tal-latrina peress li tħalliet imwaħħla bil-lejl u nsterqet.

5.2.2 Kien deċiż li tiġi nkorporata poster tal-Madonna tal-Lourdes fil-fuljett tal-Kunsill għall-edizzjoni li jmiss. Dan għandu jkun spiża ta' 395 Ewro + VAT għal darba.

5.2.3 Kien hemm talba minn resident biex issir guva tal-għasafar fis-soft area ta' Triq R Caruana Dingli. Is-Sindku għandu jiltaqa' ma' dan ir-resident biex tiġi diskussa din il-proposta.

5.2.4 Kien hemm diskussjoni biex fil-Misraħ Donat Spiteri jsiru bins tar-reċiklaġġ. Għandhom jiġu kkonsultati GreenPak qabel ma jsiru dawn il-bins.

5.2.5 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li ltaqgħet mal-Għaqda tal-Ħwienet ta' Triq in-Naxxar rigward it-tiżjin tal-Milied. Kien hemm qbil fil-prinċipju mal-Għaqda u għandha terġa' ssir laqgħa oħra.

5.3 Is-Sinjura Joan Farrugia nfurmat lill-Kunsill li fi Triq Sant'Antnin hemm garage li sar uffiċċju u l-linji ta' quddiemu għandhom jinbidlu minn isfar għal abjad. Kien hemm qbil fuq dan

5.4 Is-Sinjura Rita Saliba lmentat fuq xogħol mhux komplut fi Ġnien Santa Margerita. Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-ELC fuq dan.

5.5 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li hemm skola ġdida fi Triq San Pietru li ser tirranġa l-bankina bi spejjeż għalihom. Hu ppropona li ssir mera ġdida fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar peress li din hija blind corner u li kien hemm tkissret. Kien hemm qbil fuq dan. Hu lmenta wkoll li Triq Bernardette kienet magħluqa għall-tliet ijiem mingħajr il-permess tal-pulizija.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 1 ta' Ġunju 2015 fil-5.30 pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**